**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 28 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 837/01 AE**

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurata taghha Cutrico Services Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi, u l-istess Cutrico Services Limited**

**vs**

**Emanuel Vella & Sons Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900), danni li

saru fuq merkanzija (airconditioners) minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila min-naha tas-socjeta konvenuta meta din kienet fil-kustodja taghha.  Is-socjeta Cutrico Services Ltd kellha polizza ta' assikurazzjoni mas-socjeta Atlas Insurance Agency Ltd, u ghalhekk din ta' l-ahhar hallset ghad-danni sofferti u giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha skond polizza ta' assikurazzjoni.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta u li permezz taghha eccepiet li:

1. Is-socjeta konvenuta ma hi konsapevoli ta' ebda hsara kagunata.
2. Ix-xoghol gie kkonsenjat fi stat tajjeb u ma kien hemm l-ebda ilment min-naha tas-socjeta attrici.
3. L-ispejjez qeghdin jigu kontestati peress li s-socjeta konvenuta qatt ma giet avzata la ufficjalment u lanqas mod iehor b'din il-pretenzjoni tas-socjeta attrici.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta Cutrico Services Ltd hija assigurata mas-socjeta attrici.

2. Fis-sajf tas-sena 2000 kienet qeghda tinhatt merkanzija minn fuq trailer. Il-merkanzija kienet tikkonsisti f'*airconditioner units*. Jirrizulta li whud minn dawn il-units waqghu minn fuq *forklifter* li kien qieghed jigi operat minn impjegat tas-socjeta konvenuta. Fatti li gew ukoll ikkonfermati mill-*financial controller* (Jonathan Vella) tas-socjeta konveuta (fol. 35 *et seq*). Jidher li kien hemm impjegat fit-trailer u iehor qieghed jopera l-*forklifter*.

3. Skond *survey report* (fol. 14-15), il-hsara giet stmata fl-ammont ta' sebgha mija u sebgha u disghajn lira Maltija (Lm797). Qeghda tintalab ukoll is-somma ta' mija u tlett liri Maltin (Lm103) bhala hlas ghal *'survey fees & expenses'*.

4. Il-kolpa kontrattwali tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' obbligazzjoni rizultanti minn kuntratt. Id-diligenza li hija mehtiega fl-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni kuntrattwali hija dik ta' *bonus pater familias* (Artikolu 1132 tal-Kodici Civili). Dan il-kriterju gie spjegat b'dan il-mod f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Kassazzjoni (11 ta' Jannar 1951): *"Il buon padre di famiglia*

*non e' soltanto la figura del cosidetto uomo medio, di commune intelligenza, ma e' la figura del modello di cittadino avveduto, che vive in un determinato ambiente sociale, secondo I tempi, le abitudini, I rapporti economici, e il clima storico – politico, e che risponde percio' ad un concetto deontologico, derivante dalla coscienza generale"*.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li kien l-obbligu tas-socjeta konvenuta li tara li l-merkanzija titqieghed sew fuq il-*forklifter* u li tkun marbuta sew meta tinhatt u tingarr ghal gewwa l-istores. Minn kliem is-sewwieq tal-*forklifter* (Emanuel Parnis), il-merkanzija ghelbet hekk kif ir-rota ta' wara telghet fuq il-bankina. Ta' rilevanza huwa dak li nghad fil-kawza fl-ismiijet **Anthony Baldacchino nomine vs Chev Silvio Mifsud et nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' April 1993, li kienet titratta talba ghall-hlas ta' danni ghaliex waqt it-taghbija fuq bastiment waqa' l-bahar habel ta' l-azzar. Il-Qort osservat: *"ir-responsabbilta' tal-kumpannija hija kontrattwali, u din tinkludi l-obbligu li x-xoghol ikkuntrattat jigi esegwit sewwa, u biex dan isir, fost hwejjeg ohra, il-kumpannija trid tassikura supervizjoni adegwata li teskludi taghbija hazina jew negligenti – u jidher li fil-kaz in kwistjoni kienet din il-culpa in vigilando li ppermettiet l-incident"*. Mill-provi rrizulta li l-merkanzija giet bil-*packing* minn barra. B'danakollu t-Tribunal ma jifhimx li dan ghandu jezonera lis-socjeta konvenuta mill-obbligu li tassigura li l-merkanzija hija marbuta sew qabel ma

tinhatt minn gewwa t-trailer u meta titqieghed fuq il-*forklifter*, u li twettaq supervizjoni sabiex jigi accertat li incidenti bhal dan ma jsehhux. Ta' rilevanza wkoll huwa l-fatt li:

(a) L-impjegati tas-socjeta konvenuta xehdu li l-units fuq il-palette in kwistjoni ma kienux imqieghda kif normalment ipogguhom huma.

(b) Skond l-impjegati tas-socjeta konvenuta wara rrizulta li l-*packing* ma kienx wiehed adegwat (ara f'dan is-sens ix-xhieda moghtija minn Emanuel Parnis).

Jinghad li l-impjegati tas-socjeta konvenuta ma kellhomx joqoghdu fuq semplici prezunzjoni, u dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li l-merkanzija kienet ta' certu toqol.

6. Fir-rigward tad-danni, kien biss fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza li s-socjeta konvenuta oggezzjonat ghal-ammont ta' danni reklamati. Jirrizulta li l-kaxxi bil-merkanzija waqghu ma' l-art. Hekk iddikjara Carmelo Agius (seduta tat-8 ta' Jannar 2002): *"nghid li waqt jiena kont ninsab fit-trailer smajt hoss ittawwalt u rajt il-merkanzija li kien hemm fuq dan it-trailer ma' l-art. Anzi li kien hemm fuq il-palette ma' l-art"*.

7. Huwa fatt maghruf li f'materja ta' danni huwa ta' rilevanza l-principju illi min ibati l-hsara ghandu jaghmel dak kollu li jista' sabiex inaqqas il-hsara. Mill-provi rrizulta li:

(a) It-tiswija saret minn impjegati tal-kumpannija Cutrico Services Ltd;

(b) Gew iccekjati tnax-il unit;

(c) Kien hemm erbgha units li kellhom *leak*, filwaqt li tnejn mill-units kellhom hsara fuq l-*outer body*.

8. Huwa risaput li *"id-dannu materjali ghandu jigi kalkolat ghab-bazi ta' dak li gie mitlub minn min isofrieh"* (Vol. XLIX.i.486). Mill-atti ma jirrizultax li minhabba li x-xoghol sar minn impjegati tal-kumpannija Cutrico Services Ltd, intilef xi xoghol. L-inginier Emanuel Grech xehed: *"nispjega illi r-rata tax-xoghol tal-Labour gie kalkolat fuq dak li niccargjaw lill-klijenti taghna meta naghmlu xi xogholjiet fuq units'.* ***Ix-xoghol sar kollu mill-impjegati tal-kumpannija****".* Fil-fehma tat-Tribunal u fic-cirkostanzi partikolari, ma kienx gustifikat li l-kumpannija Cutrico Services Ltd timponi dawk ir-rati u l-ammont li qieghed jintalab huwa eccessiv meta wiehed jikkunsidra wkoll x'sar mill-impjegati tas-socjeta konvenuta (ara f'dan is-sens Dok. EG1). Min-naha l-ohra, kien opportun li jsiru l-verifiki fuq il-units kollha li kienu fuq il-*pellet* in kwistjoni. Wara kollox il-merkanzija kienet intiza sabiex tinbiegh fuq is-suq. Fir-rigward tal-

*leakage*, huwa minnu li l-inginier ma setax jeskludi li l-*units* hargu difettuzi mill-fabbrika. Pero' kkonferma wkoll li l-units ikunu koperti minn certifikat mahrug mill-kumpannija estera u ssoltu ma jigux iccekjati. Wiehed ghandu jifthem li l-units ma jkunux difettuzi meta johorgu mill-fabbrika, u f'dan ir-rigward ma ngiebet l-ebda prova kuntrarja.

9. In vista tal-premess u wara li qies ukoll dak li nghad fis-survey report (fol. 13-14), it-Tribunal qieghed *arbitro boni viri* jiffissa d-danni fl-ammont komplessiv ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm450).

Bl-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul.**
**Gudikatur**